Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Seduta tal-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019.

Appell numru 3/2018

**Lawrence Borg (appellant)**

**Vs**

**Domenic Bajada (appellat)**

1. L-attur appella minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Mejju, 2019 li biha cahad it-talba tal-attur ghall-hlas ta' elf mija u sitta u ghoxrin ewro u disghin centezmu, ghall-garr u provista ta' ilma.

2. L-aggravju tal-attur hu li t-Tribunal zbalja ghaliex ibbaza d-decizjoni fuq il-fattura 13728 meta kien hemm fatturi ohra. Kompla li meta xehed kien konsistenti filwaqt li l-konvenut "*kien riluttant sabiex igib il-provi tieghu kif ukoll ipprova jkun ta' ingann grosso mod kif juru numru ta' ircevuti fejn sahanitra biddel xi ammonti wara li dawn gew iffirmati minnu stess kif stqarr hu fix-xhieda tieghu*".

3. Fit-28 ta' Gunju, 2019 il-konvenut wiegeb u b'mod preliminari argumenta li l-appell ma setax isir ghaliex l-ilment tal-attur mhuwiex minn dawk kontemplati fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

4. Billi l-ammont mitlub mill-attur hu nqas mis-somma ta' elf u hames mitt ewro, l-appell minn decizjoni tat-Tribunal jista' jsir **biss** fil-kazijiet li jissemmew fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380. L-appell tal-attur mhuwiex dwar mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, jew preskrizzjoni jew tharis tad-artikolu 7(2) tal-Kap. 389. Fir-

rikors tal-appell mhemmx spjegazzjoni ta' kif l-aggravju tal-attur jista' jaqa' taht paragrafu (d) tal-imsemmija dispozizzjoni li jaghti jedd ta' appell meta t-Tribunal ikun *"b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella"*.

5. L-aggravju tal-attur mhuwiex ilment li t-Tribunal kien *'mar kontra d-dettami tal-imparzjalita'*.

6. Inoltre, minn qari ta' paragrafu (f) tal-artikolu 8(2) hu evidenti li mhemmx jedd ta' appell fuq punti ta' fatt. It-Tribunal ikkonkluda li l-verzjoni li ta l-konvenut kienet iktar kredibbli u ta raguni ghalfejn. Fir-rikors tal-appell l-attur argumenta li t-Tribunal kellu jemmen il-verzjoni tieghu. Pero' dak hu apprezzament ta' provi li ghandu jsir mit-Tribunal, u dwar liema l-attur ma kellux jedd ta' appell. L-apprezzament tal-provi u konkluzjonijiet li t-Tribunal wasal ghalihom mhumiex sindakabbli minn din il-qorti. L-istess ragunament japplika fir-rigward tal-ilment li t-Tribunal ikkunsidra biss il-fattura numru 13728. Fl-ewwel lok dak li allega l-attur mhuwiex minnu u anzi t-Tribunal ikkunsidra l-fatturi l-ohra (ara pagna 5 tas-sentenza). Dan apparti li t-Tribunal ta raguni ghalfejn kien iqis li dik il-fattura kienet daqstant importanti.

7. Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandhiex dubju li f'dan il-kaz l-aggravju tal-attur ma jikkwalifikax bhala lment li t-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-ekwita skont il-ligi. It-Tribunal ma bbazax id-decizjoni fuq l-ekwita imma fuq apprezzament tal-provi u ta ragunijiet dettaljati ghalfejn fil-fehma tieghu, *"l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-konvenut huma hafna aktar verosimili fic-cirkostanzi u li r-rendikonti pprezentati minnu a fol. 31 u 32 huma konsistenti u ghandhom iktar mis-sewwa u ghalhekk jirriflettu l-vera sitwazzjoni kif kienet bejn il-partijiet"*.

8. Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi gustifikata.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara l-appell null peress li l-aggravju tal-attur mhuwiex wiehed minn dawk il-kazijiet li fihom jista' jsir appell skont l-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.**

**Spejjez kontra l-attur.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur